# MALTA

## ATT Nru. II ta' l-1979

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern.**

## ACT No. II of 1979

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Disposal of Government Land Act, 1976.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

President

12 ta' Jannar, 1979

## ATT Nru. II ta' l-1979

*ATT biex jemenda l-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1979 li jemenda l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jkollu effett u għandu jitqies li dejjem kellu effett daqslikieku fit-tifsira ta' "trasferiment" minflok il-kliem "f'xi art jew fuqha;" kien hemm sostitwiti l-kliem "f'xi art jew fuqha, iżda, barra, kull tiġdid ta' xi kirja, *encroachment* jew jedd ieħor għal użu bħal dawk, sew jekk taċitu jew espress u sew jekk bl-istess pattijiet u kondizzjonijiet u sew jekk dawn ikunu ġodda, iżda inkluż kull tiġdid ta' xi kirja, *encroachment* jew jedd ieħor għal użu bħal dawk oriġinarjament magħmul skond Riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati.

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

3. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jkollu effett u għandu jitqies li dejjem kellu effett daqslikieku:

(a) fil-proviso għall-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "jew xi korp magħqud ieħor imwaqqaf b'liġi;" kien hemm sostitwiti l-kliem "jew xi korp magħqud ieħor imwaqqaf b'liġi; jew", u

(b) minnufih wara l-paragrafu (d) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) skond xi liġi oħra li għal dak iż-żmien tkun fis-seħħ.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 227 tat-8 ta' Jannar, 1979.

*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

*Speaker*

I assent.

President

12 January, 1979

## ACT No. II of 1979

*AN ACT to amend the Disposal of Government Land Act, 1976.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

**1.** This Act may be cited as the Disposal of Government Land (Amendment) Act, 1979, and shall be read and construed as one with the Disposal of Government Land Act, 1976, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 2 of the principal Act.

**2.** Section 2 of the principal Act shall have effect and shall be deemed to have always had effect as if in the definition of "disposal" for the words "in or over any land;" there were substituted the words "in or over any land, excluding, however, any renewal of any such lease, encroachment or other right of use, whether tacit or express and whether on the same or on new terms and conditions, but including a renewal of a lease, encroachment, or other right of use originally made in pursuance of a special Resolution of the House of Representatives.

Amendment of section 3 of the principal Act.

**3.** Subsection (1) of section 3 of the principal Act shall have effect and shall be deemed to have always had effect as if:

(a) in the proviso to paragraph (d) thereof, for the words "or of another body corporate established by law;" there were substituted the words "or of another body corporate established by law; or", and

(b) immediately after paragraph (d) thereof there were added the following new paragraph:

"(e) in accordance with any other law for the time being in force.".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 227 of the 8th January, 1979.

*Clerk to the House of Representatives*

*Speaker*